# FIL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar It-Tnejn 3 ta' Gunju, 2002.**

**Kawza Numru: 14**

**Citaz. Nru. 291/02 GV**

**Terranet Limited**

**Vs**

**Websports Overseas Licensing (Malta) Limited**

**Il-Qorti.**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi s-socjeta' konvenuta hija debitrici tas-socjeta' attrici fis-somma komplessiva ta' hdax-il elf tliet mija u sebghin lira u sebgha u erbghin centezmu (Lm11,370.47,0) rappresentanti in kwantu ghal erbghat elef tliet mija u tnax-il lira u hamsin centezmu (Lm4,312.50) kera dovuta mis-socjeta' konvenuta lis-socjeta' attrici ghal-kiri ta' ufficini f'Dolphin Centre, Main Street, Balzan ghal perjodu mill-15 ta' Lulju, 2001 sal-14 ta' Lulju, 2002 u in kwantu ghal bilanc ta' sitt elef tmien mija u lira u sebgha u erbghin centezmu (Lm6,801.47) kumpens ghall-servizzi rezi mis-socjeta' konvenuta fuq inkarigu taghha.

Premess illi mitluba biex thallas, is-socjeta’ konvenuta, ghalkemm ammettiet d-debitu u wieghdet li ser thallas l-ammont dovut, izda baqghet inadempjenti.

Premess illi l-kreditu tas-socjeta’ attrici fis-somma ta’ Lm11,370.47,0 fuq imsemmija hu cert, likwidu u esigibbli u sa fejn taf is-socjeta’ attrici, is-socjeta’ konvenuta ma ghandha ebda difiza opponibbli f’din il-kawza kontra t-talba taghha ghall-hlas ta’ dik is-somma kif jidher mill-affidavit ta’ Keith Fearne, ir-rappresentant tas-socjeta’ attrici, Dok. “X” ;

Ghaldaqstant is-socjeta’ attrici talbet lil din il-Qorti, ghar-ragunijiet premessi:

1. taghti s-sentenza u tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici bla ma tghaddi ghas-smiegh tal-kawza kif provdut fl-artikolu 167–170 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) u hekk tikkundanna minnufih lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ Lm11,370.47,0 fuq imsemmija dovuta kif intqal fuq.

Bl-ispejjez u l-imghax inkluzi dawk tal-Mandat ta’ Qbid Nur 462/02 FF presentat fl-1 ta’ Marzu, 2002 kontra s-socjeta’ konvenuta.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta’ attrici;

Rat in-nota tas-socjeta’ konvenuta li biha ammettiet it-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tas-socjeta’ konvenuta’ t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata ;

Fuq ammissjoni tas-socjeta' konvenuta tiddecidi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif deotta fic-citazzjoni bl-imghax u bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D**

**Frankie Mercieca**
**Deputat Registratur.**